MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' April, 2009

Numru 25/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Gamil Abu Bakr**

**DIGRIET**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-akkuzat tal-21 t'April, 2009, fejn rega' talab il-helsien mill-arrest ghall-motivi hemm indikati.

Rat id-digriet taghha tal-istess data li bih ordnat in-notifika lill-Avukat Generali b'jum ghar-risposta w appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-24 t'April, 2009;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tat-22 t'April, 2009, fejn hu oppona t-talba ghar-ragunijiet hemm indikati;

Semghet it-trattazzjoni w hadet it-taghrif mehtieg waqt l-udjenza tal-24 t’April, 2009, fejn ukoll tat lill-partijiet il-fakolta' li jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri sat-3pm tal-lum 27 t' April, 2009;

Rat in-Nota tal-prosekuzzjoni tal-lum stess.

Rat illi r-rikorrent ma pprezenta ebda Nota sal-hin tal-eghluq tar-registru, kif kellu l-fakolta' li jaghmel;

Rat l-atti kollha processwali biss ghall-fini ta’ dan ir-rikors;

Ikkonsidrat;

Illi r-rikorrent kien gja pprezenta rikors iehor ghall-liberta' provizorja precedenti li gie michud minn din il-Qorti b' Digriet tal-20 t' April, 2009;

Illi fir-rikors odjern r-rikorrent qed jibbaza t-talba tieghu fuq il-fatt li din il-Qorti bid-Digriet taghha tal-20 t' April, 2009,kienet cahdet it-talba tieghu bazata fuq l-Artikolu 575(7)(8) u (9)(iv) tal-Kodici Kriminali w cioe' ghaliex kien skada t-terminu ta' 24 xahar mill-prezentata ta' l-Att ta' l-Akkuza f' kaz fejn id-delitt mertu tal-akkuza ma kienx igorr piena in eccess ta' 15 il-sena prigunerija, peress li rriteniet illi l-piena li ghandha titqies hija dik ghar-reat kif mitluba fl-Att ta' l-Akkuza w cioe' inkluz b' kull addebitu w aggravanti li tista' zzid il-piena.

Illi pero' r-rikorrent fir-rikors odjern qed jikkontendi illi din l-interpretazzjoni tal-ligi hija hazina w skorretta tenut kont li jekk wiehed japplika l-massima *ubi lex voluit dixit,* l-addebiti w aggravanti m'ghandhomx jigu konsidrati peress illi l-ligi titkellem biss fuq il-piena tad-delitt. Dwar dan pero' f' dan l-istadju r-rikorrent  kien qed jirrizerva li jintavola talba ghall-*habeas corpus* jew ghall-referenza lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) jekk u meta jkun il-waqt.

Zied jikkontendi li, anki jekk wiehed kellu jabbraccja l-interpretazzjoni suesposta, xorta wahda japplika fis-sitwazzjoni s-sub-paragrafu (iv) tal-para (9) tal-art. 575. Il-

fatti mertu tal-Att ta' l-Akkuza sehhew f' Dicembru, 2005. L-addebitu tar-recidiva huwa bbazat fuq sentenza moghtija f' Dicembru, 1998 u cioe' seba' snin qabel. Ghalhekk ir-recidiva applikabbli hija biss dik taht l-artikolu 49 tal-Kap.9 u mhux l-artikolu 50 u per konsegwenza ma hemm ebda zieda fil-piena w dan minkejja l-izball maghmul fir-redazzjoni ta' l-Att ta' l-Akkuza fejn erronjament intalbet piena mizjuda bi grad wiehed. Ghalhekk is-sitwazzjoni hija li tapplika liema interpretazzjoni tapplika, t-terminu applikabbli huwa dejjem dak kontemplat fis-sub-paragrafu (iv) u ghalhekk hu kellu tassattivament jinghata l-helsien mill-arrest.

Ghalhekk ir-rikorrent talab li din il-Qorti tirrevoka d-digriet taghha tal-20 t' April, 2009 u minnflok takkorda l-helsien mill-arrest taht dawk il-provvedmenti xierqa w opportuni.

Illi l-Avukat Generali, fin-Nota tieghu tal-lum fuq imsemmija, pero' ssottometta li l-piena imposta fuq ir-rikorrent bis-sentenza tat-2 ta' Dicembru, 1998 kienet wahda ta' sentejn prigunerija sospiza ghall-erba' snin (fol. 196 tal-process). Illi ma jirrizultax li l-akkuzat odjern kien ikkommetta xi reat iehor fil-periodu operattiv ta' dik is-sentenza sospiza w ghalhekk il-piena ta' sentejn prigunerija qatt ma giet in effett. Ghalhekk f' dan il-kaz kien applikabbli l-artikolu 28A(5A) tal-Kodici Kriminali li jiddisponi li :-

"*Minghajr pregudizzju ghad-dispozizzjoni ta' l-artikolu 28F, il-piena moghtija f' sentenza sospiza meta dik is-sentenza ma tkunx dahlet fis-sehh, ghandha, ghall-finijiet ta' l-artikolu 50, titqies li tkun giet skontata ma l-iskadenza tal-periodu operattiv originali msemmi fis-subartikolu (1) jew tal-periodu operattiv maghmul minnfloku kif provvdut fl-artikolu 28B(2) (b).*"

Ghalhekk, l-Avukat Generali qed jikkontendi, li ladarba l-piena ta' sentejn prigunerija qatt ma dahlet fis-sehh, il-periodu relattiv ghar-recidiva ghandu jibda' jinghadd mill-iskadenza tal-periodu operattiv tas-sospensjoni ta' erba snin u cioe' minn erba snin wara d-data tas-sentenza w cioe' mit-2 ta' Dicembru, 2002 (1998 + 4 snin). U peress li

skond l-artikolu 50 it-terminu f' dan il-kaz hu ta' hames (5) snin u peress li l-proceduri odjerni bdew fis-sena 2005, l-Avukat Generali kien korrett meta applika r-recidiva fl-att ta' l-Akkuza peress li l-hames snin kien ghadhom ma ghaddewx.

Illi peress li waqt it-trattazzjoni l-abbli difensur kien argumenta li japplika ghall-kaz l-artikolu 28F, l-Avukat Generali zied jissottometti li din l-ahhar dispozizzjoni ma tistax tapplika f' dal-kaz peress li din tghodd ghall-meta l-piena karcerarja effettivament tibda tiddekorri ghax l-akkuzat ikun ikkommetta reat fil-periodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Ghalhekk l-Avukat Generali ssottometta li l-addebitu tar-recidiva kif indikat fl-Attt ta' l-Akkuza ghandu jibqa' *in vigore* kif inhu u b' hekk il-piena mitluba minnu giet korrettement riflessa fl-uniku kap ta' l-Att ta' l-Akkuza.

Ikkonsidrat;

Illi kif gja gie ritenut u deciz minn din il-Qorti fid-Digriet taghha tal-20 t' April, 2009, il-piena ghar-reat dedott kontra r-rikorrent skond l-Art. 337A hija dik ta' prigunerija minn sitt (6) xhur sa hames (5) snin, piu' l-multa jew il-multa w prigunerija flimkien u, peress li f'dan il-kaz qed jigi allegat li t-traffikar sar fil-konfront ta' aktar min tlitt persuni, l-piena ghandha tizdied bi grad wiehed sa tlitt (3) gradi. Hekk il-piena massima ghar-reat iniffsu tista' tilhaq tnax il-sena prigunerija skond l-Art. 31(1)(b)(iii) u (vi). Peress li mbaghad l-akkuzat qed tigi addebitata lilu r-recidiva, din il-piena addirittura tista', biz-zieda bi grad iehor, titla' sa massimu sa ghoxrin (20) sena prigunerija skond l-Art. 50 u 31(1)(b)(ii) u (iii), kif qed jigi mitlub fl-att ta' l-akkuza.

Illi din il-Qorti fl-imsemmi Digriet irriteniet li ma kienetx taqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrent li ghandha tittiehed biss in konsiderazzjoni l-piena ghar-reat *in astratto* w mhux dik legittimament mitluba fl-Att tal-Akkuza. L-analogija mad-dispozijjoni tal-Art. 370(2) mhux talli ma treggix izda sahansitra timmilita' kontra t-tezi tar-rikorrent. In omagg ghall-principju ta' interpretazzjoni legali *"Ubi lex*

*voluit, dixit",* u *"Ubi lex non distinguit, ne nos distinguere debemus"*, ladarba kuntrarjament ghall-Art. 370(2), il-ligi ma timponix din ir-restrizzjoni interpretattiva, r-referenza fl-artikolu 575(9) ghal "delitt suggett ghal piena ta' prigunerija", ghandha titqies bhala referenza ghad-delitt kif dedott fl-att ta' l-akkuza, flimkien mal-aggravanti w addebiti kollha msemmija fil-parti akkuzatorja tal-kap relattiv tal-Att ta' l-Akkuza;

Konsegwentement, kienet irriteniet li l-bazi tal-ewwel rikors kienet wahda infondata guridikament u li t-terminu mandatorju ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest hu dak ta' tletin (30) xahar kontemplat fl-Art. 575 (9)(a)(v) ladarba l-piena massima possibbli w legittimament mitluba mill-Avukat Generali hi ta' aktar minn hmistax (15) il-sena f'dan il-kaz;

Kienet finalment iddecidiet li ghalkemm fir-rikors ma jissemmewx xi ragunijiet ohra ghala din il-Qorti kellha takkorda l-liberta' provvizorja, r-ragunijiet sollevati mill-Avukat Generali fir-risposta bil-miktub tieghu hlief ir-raguni numru sebgha (7) - li ma tidhirx li hija rilevanti w applikabbli ghal dan il-kaz legalment - u fil-kors tat-trattazzjoni orali kienu serji bizzejjed biex din il-Qorti tirrifjuta li taghti l-helsien mill-arrest tar-rikorrent kif hija intitolata li taghmel skond l-Art. 575 (11) tal-Kap. 9; u ghalhekk cahdet it-talba, pero', in vista tal-perjodu twil tal-arrest preventiv li diga' ghadda, din il-Qorti kienet diga' ordnat li l-guri tar-rikorrent jinghata priorita' fuq ohrajn li jinsabu qablu fil-lista w li ghalhekk gie appuntat ghat-30 ta' Gunju, 2009 fid-9.00 a.m.

Ikkonsidrat;

Li b' dar-rikors ir-rikorrent qieghed pratikament jitlob ir-revoka *contrario imperio* tal-ewwel digriet minhabba interpretazzjoni zbaljata w skorretta tal-ligi kif fuq intqal u ghax f' kull kaz it-terminu ghall-applikazzjoni tar-recidiva taht l-artikolu 50 kien skada.

Wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-abbli avukati, din il-Qorti ma tarax li saret xi interpretazzjoni tal-ligi zbaljata fl-

ewwel digriet  u ghalhekk ma tarax li hemm lok biex tvarja tali interpretazzjoni jew biex tirrevokaha.

Dwar it-tieni ilment li f' kull kaz it-terminu ta' hames snin ikun ghadda w kwindi r-recidiva addebitata lill-akkuzat ma tirrizultax, jigi osservat li d-decizjoni jekk l-akkuzat - una volta misjub hati - hux recidiv jew le ghall-fini tal-artikolu 49 u 50 jew xi wiehed biss minn dawn l-artikoli, hija decizjoni ta' fatt li tispetta biss lill-gurija w dana wara li jkunu taw verdett ta' htija kontra l-akkuzat u b' verdett separat, stante li kif jiddisponi l-artikolu 489 tal-Kodici Kriminali, meta l-ligi, minnhabba r-recidiva, tkabbar il-piena ghar-reat li jsir wara, l-kawza ghandha titmexxa bhallikieku fl-att ta' l-akkuza ma kienx hemm migjub li, qabel, l-akkuzat kien gie misjub hati w ikkundannat u m'ghandux jinghid lill-guri li l-akkuzat kien gie qabel misjub hati w ikkundannat, hlief wara u jekk il-guri ikun iddikjara l-akkuzat hati tal-ahhar reat.  In osservanza ta' din id-dispozizzjoni l-prassi minn dejjem kienet li l-Imhallef li jippresjedi l-guri, wara verdett ta' htija w wara li jinqara lill-gurati l-addebitu tar-recidiva ghall-ewwel darba w jingiebu l-provi dwar ir-recidiva - fejn dan l-addebitu ikun kontestat mill-akkuzat - u wara sottomissjonijiet mill-avukati, jindirizza mill-gdid lill-gurati w *"inter alia"* jispjegalhom il-punti ta' dritt li jkunu jirregolaw l-applikazzjoni tar-recidiva, mbaghad jitlobhom jirtiraw mill-gdid biex jaghtu verdett ulterjuri dwar l-addebitu tar-recidiva kontenut fl-Att ta' l-Akkuza.

Ghalhekk jekk il-Qorti, kif issa komposta, b' Imhallef togat biss, tiddeciedi hi jekk l-addebitu tar-recidiva jirrizultax f' dan il-kaz, tkun qed tuzurpa l-funzjoni tal-gurija li hi biss kompetenti li tiddeciedi dan wara li tigi *"properly addressed"* mill-Imhallef togat fl-istadju oportun u cioe' wara li u jekk ikun hemm verdett ta' htija kontra l-akkuzat.

Konsegwentement f' dan l-istadju din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tesprimi ruha w tiddeciedi jekk it-termini kontemplat fl-artikolu 50 skadiex jew le f' dan il-kaz u tista' tirrizerva li taghmel dan biss waqt xi indirizz ulterjuri lill-gurati fl-istadju opportun jekk u wara li jkun hemm xi verdett ta' htija.

Ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri f' dan l-istadju tas-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar dan il-punt li jirrigwarda minn meta ghandu jibda' jiddekorri l-periodu tar-recidiva f' dan il-kaz u, kif ghamlet fid-digriet taghha precedenti tal-20 t' April, 2009, tirritjeni li ghall-fini tal-applikazzjoni tal-artikolu 575 (9) tal-Kodici Kriminali, ghandha tqis il-piena kif mitluba fl-att ta' l-akkuza w cioe' bl-inkluzjoni tal-addebitu tar-recidiva kif mitlub.

Konsegwentement terga ttenni li l-periodu ghall-fini tal-artikolu 575 (7) (8) u (9) tal-Kodici Kriminali f' dan il-kaz hu dak ta' tletin (30) xahar mid-data tal-prezentata ta' l-att ta' l-akkuza li s' issa ghadhom ma ghaddewx. Ghalhekk s' issa w f'dan l-istadju l-ghoti tal-helsien mill-arrest mhux tassattiv kif qed jikkontendi r-rikorrent.

F' kull kaz din il-Qorti, meta tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tqis li m'ghandhiex taghti w takkorda l-helsien mill-arrest lir-rikorrent qabel ma jigi celebrat il-guri xaharejn ohra.

Notifika : l-Akkuzat<br>
l-Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------